# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 15 ta' Ottubru 2001**

**Avviz. numru 872/96**

**Numru 22**

**Saviour Scerri**

**vs**

**Lawrence Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma li tigi hekk likwidata bhala danni (danni li ma jissuperawx Lm600) sofferti mill-attur fil-vettura numru AAA-913 kagjonati mill-konvenut b'konsegwenza tal-incident stradali li gara fis-17 ta' Mejju, 1996 ghal-habta tal-4.30p.m. f'Karwija Road, L/O Gudja, u dana waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru IAB-156 bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku habat gol-vettura AAA-913, propjeta ta' l-attur u misjuqa minn ibnu Ronald Scerri, prevja dikjrazzjoni ta' responsabbilta' da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez u interessi legali, kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-ittra uffficjali tas-17 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenut u l-assikurazzjoni tieghu kif ukoll tal-ittra ufficjali datata Settembru 1996 ippresentata mal-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 2 tal-atti) li biha wara li ppremetta illi:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-kontro talba tal-istess konvenut (fol 2 u 3 tal-atti) li biha wara li ppremetta illi l-eccipjent irid jipprevalixxi ruhu minn din in-nota ta' l-eccezzjonijiet sabiex jippromuovi kontro-talba kontra l-attur;

Illi fis-17 ta' Mejju, 1996 sehh incident awtomobilistiku fi Triq Karwija, limiti Gudja waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni IAB-156, liema incident sehh bi traskuragni, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur;

Illi l-eccipjent debitament interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas ta' danni baqa' inadempjenti;

Talab sabiex l-attur ighid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-attur huwa unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-Triq Karwija, limiti Gudja fis-17 ta' Mejju 1996;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-imsemmi incident awtomobilistiku, liema danni ma jeccedux is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltija;

3. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenut dik is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi l-attur ippresenta diversi xhieda u dokumenti in sostenn tat-talbiet tieghu kif ser jinghad:-

a) Ronald Scerri (Fol 13 u 39 tal-atti) spjega li hu kien qed jsuq il-karozza numru AAA-913 minn Hal Far lejn Hal Luqa. Waqt li rrefera ghall-fotokopja tal-iskizz esebit minnu (Fol 16 tal-atti), hu sostna li hu kien gej minn naha ta' isfel tal-istess skizz, waqaf meta sab sinjal ta' "stop" (mhux muri fuq l-istess skizz) u meta ra li ma kien gej hadd iehor, saq lejn ir-"roundabout", beda jdur ma din meta " gie quddiemi l-konvenut, jsuq il-karozza "Mitsubishi" u saret il-kollizzjoni" avolja ghamel tentattiv sabiex "niskansah".

In kontro esami, hu spjega li mieghu, izda f'karozza differenti, warajh kien hemm xi hbieb tieghu.

Inoltre hu rega' tenna li hu kien waqaf qabel sinjal ta' "stop" ghar-raguni imsemmija. Pero minn hawnhekk fejn kien wieqaf, hu ma setax jara jekk kienux gejjin karozzi ohra mid-direzzjoni tat-"tunnels" minhabba "xi sigar". In rigward il-konvenut, ix-xhud sostna li kien dan li habat gol-karozza tal-istess xhud u mhux vici-versa liema konvenut baqa' hiereg minn naha ta' Hal Kirkop.

b) Noel Mercieca (fol 18 u 43 tal-atti) wiehed mill-hbieb imsemmija mix-xhud precedenti kien qed jsuq wara il-karozza tal-istess Ronald Scerri. Dan xehed, testwalment, "Meta Ronald kien qabad mar-roundabout, waqaf u f'daqqa u l-waqt l-iehor baqa ghaddej, ma waqafx mal-"stop sign" u dahal gol- karozza misjuqa minn Ronald". In kontroesami, hu kompla jispjega li "meta konna weqfin, jien kont ma genb il-karozza ta' Adrian Galea, konna l-hin kolllu, jien u hu, ma' genb xulxin".

In oltre "Ma kull naha hawnhekk hawn "stop sign" anke fejn hu Ronald Scerri u Adrian Galea kienu weqfin f'karozzi differenti, b'tieghu wieqfa ezattament wara l-ohra ta' Ronald Scerri. In rigward il-konvenut, hu kien ra l-karozza misjuqa minn dan u gejja mid-direzzjoni tat-"tunnels" gja imsemmija. In rigward dan qal, testwalment, "Jien nikkalkola li l-karozza tal-konvenut kienet madwar tlett metri l-boghod mill-"stop sign" li hemm fit-triq minn fejn kien saq hu".

c) Adrian Galea (fol 20 u fol 41) sostna ukoll li Ronald Scerri kien qed jsuq l-ewwel wiehed fuq quddiem, u konna qbadna r-"roundabout" u fil-fatt Ronald kien mexa' sewwa fir-"roundabout". Il-karozza misjuqa mill-konvenut ma waqfitx mal-"stop sign" izda baqghet ghaddejja".

d) PS 614 Saviour Garzia (fol 67 et seq ibid) filwaqt li esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz relattiv ghal dan l-incident asserixxa ".... jien nafha sewwa" vis-a-vis ir-"roundabout" imsemmija u "Nikkonferma li ma hemm l-ebda "stop sign" izda sinjali ohra mizbughin u li jindikaw li xufiera gejjin minn certa direzzjoni ghandhom jnaqqsu l-velocita".

Ikkunsidrat

Illi da parti tal-konvenut (fol 56 et seq ibid) dan xehed li kien ghaddej mill-imsemmija "tunnels" sabiex jaqbad l-istess "roundabout" u jmur lejn il-Gudja. Hawnhekk kemm minhabba t-traffiku li kien hemm, kemm minhabba sinjali mal-art "sabiex toqghod attent kif tohrog u dan lejn ir-"roundabout" u (ara r-ritratti esebiti minnu a fol 61 tal-atti) hu waqaf. Meta kien naqqas it-traffiku, hu hares lejn iz-zewg nahat u meta ra li t-traffiku fuq il-lemin tieghu "ma kienx ghadu wasal fuq is-sinjal tieghu, jiena pprocedejt sabiex nidhol lejn ir-"roundabout". Kif kien diehel fir-"roundabout" sema' "horn mghaggel" hoss ta' "brake" u "imbaghad daqqa fuqi". Bhala konsegwenza tad-daqqa fuq il-bieba tal-lemin fuq wara, il-karozza tieghu daret lejn il-lemin u giet thares lejn ir-"roundabout".

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk, il-Qorti hi rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti altament kontradittorji bejniethom u ghalhekk rat jekk tissustiex xi prova oggettiva u indipendenti mill-partijiet involuti sabiex tkun accertata liema versjoni tista, fuq basi ta' probabilta' (aktarx iva milli le) tirrifletti dak li, effettivament, gara f'dan il-kaz.  In rigward l-attur kemm hu kemm ix-xhieda prodotti minnu, certament mhux indipendenti, semmew li fil-lokalita kien hemm diversi sinjali ta' "stop".  Dan il-punt ma giex avallat mill-provi prodotti b'mod specjali x-xhieda moghtija u d-dokumenti esebiti minn PS 614 Saviour Garcia.

Dan jitfa dell fuq il-versjoni moghtija mill-attur u hbiebu in vista li, qablu tista tghid fuq dan l-izball ta' fatt li jirreferi ghal wiehed fis-sustanza.  B'referenza ghall-kontro talba tal-konvenut mix-xhieda tieghu wahedha, ma jistax jinghad li s-sewqan tal-istess Ronald Scerri kien negligenti u ghalhekk ma jistax jigi konsiderat bhala responsabbli delittwalment ghal dan l-incident anke fuq basi ta' kontributorjeta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad kemm it-talbiet attrici kemm il-kontro talba tal-konvenut in rigward l-ispejjes, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha.

Alan Calleja
Dep.Reg